**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 26 ta' April 2017**

**App. Nru. 532/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Zahra**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Mark Zahra, karta ta' l-identita` numru 449371(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fil-Fgura fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 2005, ikkommetta serq ta' flus kontanti, ġojellerija u diversi oġġetti oħra mill-fond sitwat 108 Triq San Xmun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,330 (elf lira Maltin), bil-ħin u bil-lok u li seħħ għad-detriment tal-familja Pace;

(2) f'Ħal-Għaxaq fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Diċembru 2006, ikkommetta serq ta' flus kontanti u ħwejjeġ mill-istabbiliment "N-Trance" sitwat nru. 8, Dawret Ħal-Għaxaq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-

ammont ta' €2,330 (elf lira Maltin) u bil-ħin, u li seħħ għad-detriment ta' Maria Spiteri;

(3) sar reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

(4) kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provvedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2012 li permezz tagħha sabet lill-imsemmi Mark Zahra ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(1)(3), 279(b), 280(2), 49, 50, 18, 31 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u kkundannatu erba' snin priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Mark Zahra ppreżentat fid-9 ta' Novembru 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' Mark Zahra esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Mark Zahra huma s-segwenti:

> "1. L-inammissibilita` ta' impronti diġitali li ġew mgħoddija lil P.S. Clive Brimmer minn membri tal-pulizija oħra li dawn allegatament illiftjaw mill-fond N-Trance sitwat numru 8, Dawret Ħal-Għaxaq, Għaxaq, meta ma kienx hemm kontroll u superviżjoni tal-qorti u li dan jikser b'mod lampanti d-drittijiet tal-appellant għal smiegħ xieraq u drittijiet oħra kif ġia` kien verbaliżżat mill-esponenti tul il-kors ta' dawn il-proċeduri a fol. 17 fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2009 u li l-qorti skartat anzi qalet fis-sentenza tagħha li 'il-liġi titkellem ċar u ma tinnullifikax il-prova tal-elevar ta' impronti elevati mhux fil-kors ta' inkjesta maġisterjali....';
>
> "2. Illi b'kontinwazzjoni mal-ewwel aggravju agħar minn hekk ir-rapport a fol. 49 – 51 ma sarx b'mod indipendenti u taħt il-kontroll tal-qorti tant li ma hemmx rapport preċiż u ċar min ħa l-istess lifters dwar il-fond N-Trance, Għaxaq By-Pass, Ħal-Għaxaq;
>
> "3. L-inammissibilita` tal-istess stqarrijiet tal-appellant kemm dik tat-3 ta' Ġunju 2007 kif ukoll dik tas-6 ta' Ġunju 2007, liema stqarrijiet ittieħdu mingħajr id-dritt tal-appellant li jikkonsulta l-avukat qabel ma ġie interrogat u agħar minn hekk li l-istess qorti tagħmel deduzzjoni deċisiva fis-sentenza tagħha meta tgħid '…

Anka hawnhekk l-imputat ma offra ebda spjegazzjoni kif din l-impronta spiċċat hemm; mhux biss billi mill-provi, senjatament mix-xiehda tal-kuntistabbli, jirriżulta li meta ttieħed fejn il-ħanut hu ċaħad li qatt mar ħdejh';

"4. Illi dwar l-akkuża l-oħra dwar is-serqa mill-fond 108, Triq San Xmun, Fgura ma hemm l-ebda prova ta' recent possession kif qalet il-qorti fil-konfront tal-appellant hija totalment żbaljata. Ma hux minnu li l-imputat kif qalet il-qorti li 'l-imputat ma offra ebda spjegazzjoni ta' kif kien ġie in pussess tat-tali oġġett', meta l-uniku xhud dwar telephone ċellulari Motorola kienet xhud Tiziana Attard li għandha insab dan it-telephone ġimgħat wara s-serqa tant li għamlet hi użu minnu żgur sas-27/9/2005 u li hi semmiet li xtratu mingħand l-appellant li dan kellha kull dritt li tagħmel dan biex tiskolpa lilha nfisha minn akkuża ta' riċettazzjoni imma dan bħala stat ta' fatt ma jikkostatax prova meta titħalla waħedha!! Zgur li ma jwassalx lill-qorti għall-konvinċiment morali, li ma jħallix dubju dettat mir-raġuni. Meta l-appellant xhur wara f'Ġunju 2007 meta ġie interrogat b'mod illegali l-anqas biss, u nirrepeti, l-anqas biss saritlu domanda waħda dwar dan it-telephone ċellulari u l-istess Tiziana Attard!!!

"5. Illi l-istess Tiziana Attard kellha tkun hi s-suspett ewlieni u se mai żgur ma kinitx prova b'saħħitha waħedha biex twassal għall-ħtija tal-appellant fuq is-serqa kollha kemm hi ta' 108, Triq San Xmun, Fgura għax anke b'mod ovvju dan it-telephone ċellulari Motorola seta' mexa għand diversi nies inkluż jekk noqogħdu fuq ix-xiehda ta' Tiziana Attard għand l-appellant u allura l-appellant żgur ma kellu qatt jirrispondi għas-serqa kollha!!!"

**6.** Kwantu għall-ewwel żewġ aggravji li jirrigwardaw serq mill-ħanut "N-Trance" sitwat nru. 8, Dawret Ħal-Għaxaq, Ħal-Għaxaq, ma jirriżultax li saret inkjesta maġisterjali iżda jirriżulta li l-Ispettur Joseph Agius kien ta struzzjonijiet lil P.S. 1147 Antoine Fenech u P.S. 171 Karl Glanville mil-Laboratorju tax-Xjenza Forensika tal-Pulizija sabiex jaċċedu fuq il-post u jagħmlu eżamijiet forensiċi. Kemm mix-xiehda ta' P.S. Fenech kif ukoll ta' P.S. Glanville, kif ukoll mir-rapport minnhom esebit[1] jirriżulta li, filwaqt li r-ritratti ttieħdu minn P.S. Glanville, l-impronti ġew elevati minn P.S. Fenech. Kemm il-*lifters* kif ukoll ir-ritratti ġew esebiti flimkien mar-rapport tagħhom[2]. Irid jingħad li l-*lifters* ġew mgħoddija minn P.S. Fenech lil P.S. 1238 Clive Brimmer fuq struzzjonijiet ta' l-Ispettur Michael Mallia sabiex jeżaminahom. P.S. Brimmer fil-fatt esebixxa r-rapport tiegħu dwar l-analiżi li għamel tal-*lifters* u l-komparazzjoni li għamel ma' l-impronti tas-swaba' ta' l-appellant. Dan ir-rapport pero` qiegħed jiġi skartat.

**7.** Fil-fatt hija ġurisprudenza stabbilita li esperti li huma uffiċjali tal-Pulizija huma xhieda kompetenti fir-rigward biss ta' riżultanzi fattwali.[3] Kwantu għal

---

[1] Dok. KG a fol. 43 – 45.

[2] A fol. 46 – 46A iżda li ġew sussegwentement irtirati minn Ivan Portelli nominat mill-Qorti Istruttorja sabiex jeżaminahom u jikkomparahom ma' l-impronti ta' l-appellant.

[3] Ara **Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija**, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Mejju 1991; **John Saliba vs Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali, 6 ta' Lulju 1998; **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, Qorti ta' l-

P.S. 1147 Antoine Fenech u P.S. 171 Karl Glanville, għalkemm ma ġewx nominati bħala esperti minn Maġistrat Inkwirenti jew mill-Qorti, ma jfissirx li dak li għamlu għandu jiġi skartat.

**8.** Din il-Qorti tirreferi għad-deċiżjoni parzjali mogħtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Settembru 2005 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni fl-ismijiet **Nazzareno Zarb v. Malta** fejn intqal:

> **"Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, Brandstetter, judgment quoted above, p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above).**
>
> **"Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective."**

**9.** Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1992 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Longinu Aquilina** (sentenza li d-difiża stess esebiet estratt tagħha) intqal li sal-mument li jiġu elevati marki tas-swaba' dawn **"għadhom bla paternita` u ma jistgħux jitqiesu li jirreferu għal xi persuna partikolari. Anki jekk ma jistax jiġi eskluż illi xi marka tkun ta' persuna li eventwalment tista' tiġi indizjata bħala l-awtur tar-reat u sussegwentement akkużata li kkommettietu. Dawn il-marki fil-fatt f'dan l-istadju jistgħu jiġu elevati mill-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha indipendentement minn kull ordni tal-Qorti, fil-kors normali ta' l-indaġini. L-awtentiċita` ta' l-operat tal-pulizija u l-attendibilita` tal-prova li tkun trid issir bihom, tkun dejjem soġġetta għall-iskrutinju tal-Qorti u tal-partijiet fil-proċedura, konsegwenzjali għall-indaġini rikjesta"** (sottolinear ta'din il-Qorti).

---

Appell Kriminali, 16 ta' Diċembru 1998. Ara wkoll is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' April 2012 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Gordi Felice**.

**10.** Fil-każ in eżami, mill-provi ma jirriżultax u l-appellant ma wera ebda element li juri li P.S. 171 Karl Glanville (li ħa r-ritratti) u P.S. 1147 Antoine Fenech (li eleva l-marki tas-swaba') wettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod li ma kienx imparzjali jew oġġettiv. Konsegwentement il-marki tas-swaba' esebiti għandhom jitqiesu ammissibbli. Hekk ukoll, mela, ir-rapport imhejji minn Ivan Portelli dwar l-istess dokumenti (Dok. IP a fol. 190 *et seq.*).

**11.** It-tielet aggravju jirrigwarda l-istqarrijiet ta' l-appellant tat-3 ta' Ġunju 2007 u tas-6 ta' Ġunju 2007 li huwa jgħid li huma inammissibbli għax ittieħdu mingħajr ma kellu aċċess għal avukat qabel ma ġie interrogat. Dwar l-istqarrija tas-6 ta' Jannar 2005 l-appellant ma jgħid xejn. Effettivament fil-każ in eżami, l-istqarrijiet kollha li għamel l-appellant ġew rilaxxati minnu meta l-liġi kienet b'mod skematiku tivvjeta l-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg vs Malta** tat-12 ta' Jannar 2016, il-Qorti Kostituzzjonali kellha diversi okkażjonijiet biex tikkunsidra mill-ġdid il-kwistjoni tal-valur probatorju ta' stqarrija meħuda mingħajr assistenza legali. Hekk, fis-sentenza tagħha **Carmel Saliba vs l-Avukat Ġenerali** mogħtija fis-16 ta' Mejju 2016, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

> **"17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' <u>Charles Stephen Muscat</u> u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' <u>Borg v. Malta</u> mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.**
>
> **"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' <u>Muscat</u>, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.**
>
> **"19. Is-sentenza ta' <u>Borg</u> iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' <u>Dimech</u>[4] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.**
>
> **"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.**

[4] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik 34373/13.

**"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.**

**"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."**

**12.** Huwa evidenti minn din is-sentenza li, filwaqt li f'**Borg vs Malta** l-proċeduri kriminali kienu ġew konklużi, f'**Saliba**, fejn il-proċeduri ma kinux għadhom ġew terminati, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll iddeċidiet li l-istqarrija ta' l-akkużat kellha titneħħa.

**13.** Fil-każ in eżami, l-appellant ġie interrogat mill-Pulizija mingħajr ma ngħata aċċess għal avukat, u dan fi żmien meta kien hemm "a systemic restriction applicable to all accused persons". Huwa b'hekk irrilaxxja stqarrijiet mingħajr tali assistenza.

**14.** L-Avukat Ġenerali lanqas ma adduċa "compelling reasons" li setgħu jiġġustifikaw in-negazzjoni lill-appellant ta' aċċess għal avukat fl-istadju ta' l-interrogazzjoni.

**15.** Filwaqt li ma ntweriex u lanqas ma ġie allegat li l-istqarrijiet in kwistjoni ttieħdu bi vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-ammissibilita` ta' stqarrija ta' akkużat skont kif provdut fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, nonostante cio`, għar-raġunijiet indikati, in-negazzjoni tad-dritt ta' assistenza legali "at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".[5] Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant qiegħed jiġi milqugħ u l-istqarrijiet tat-3 ta' Ġunju 2007 u tas-6 ta' Ġunju 2007 dikjarati inammissibbli.

**16.** Issa, mir-rapport imħejji minn Ivan Portelli jirriżulta li marka ta' saba' elevata minn fuq parti ta' kexxun tal-*cash* li kien ma' l-art fit-taqlib (Dok. 06 DGX 302) ġiet identifikata mas-saba' l-kbir ta' l-id il-leminija ta' l-appellant. Ħanut huwa post espost għall-pubbliku fejn ta' kuljum imorru n-nies u

[5] Ara The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor, 1 ta' Diċembru 2016.

ċertament ħafna minnhom iħallu traċċi warajhom bħalma huma marki tas-swaba'. Mhuwiex mistenni, pero`, li l-pubbliku jħalli dawn il-marki fuq il-kexxun tal-*cash*. Hemm hu mistenni li jkun hemm marki ta' min jiġġestixxi l-ħanut. Il-presenza ta' marka tas-saba' ta' l-appellant proprju fuq l-imsemmi kexxun mnejn insterqu xi flus huwa għalhekk indizju inekwivoku illi jorbot lill-appellant direttament mal-fatti inkriminati. Għalhekk l-ewwel Qorti korrettement sabet ħtija dwar it-tieni imputazzjoni.

**17.** L-aggravji l-oħra jirrigwardaw is-serq li sar mill-fond 108, Triq San Xmun, Fgura fil-11 ta' Settembru 2005. Minn dan il-fond, fost oġġetti oħra, insteraq mobile phone Motorola V600 serial no. 353512004629629. Minn riċerka li saret mill-kumpanija GO irriżulta li fit-12 ta' Settembru 2005 beda jintuża minn fuqu n-numru 79253113, linja reġistrata fuq ċerta Tiziana Attard. Din Tiziana Attard xehdet illi kienet xtrat il-mobile phone mingħand l-appellant meta darba kien raha fit-triq u mar isaqsiha jekk kienx jgħodd għaliha. Hi tħajret u xtratu. Hija għaddiet dan il-mobile phone lill-Ispettur Michael Mallia. Fil-11 ta' Mejju 2009 l-Ispettur Mallia esebixxa rċevuta mnejn jirriżulta li l-mobile phone ġie ritornat lid-derubata (Dok. MA 1 a fol. 141).

**18.** Ix-xiehda ta' Tiziana Attard ma ġiet bl-ebda mod kontradetta. Dan ifisser li l-mobile phone in kwistjoni li kien jifforma parti mir-refurtiva li ttieħdet mill-fond 108, Triq San Xmun, Fgura, għaddiet minn idejn l-appellant lil Tiziana Attard ftit ħin biss wara s-serq mill-imsemmi fond. Hija din prova suffiċjenti biex torbot lill-appellant mas-serq li sar mill-imsemmi fond?

**19.** Tajjeb hawn li ssir referenza għat-teorija Ingliza *of unlawful possession of recently stolen goods*. Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et**, 26 ta' Awissu 1998), it-teorija Ingliża "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali tagħna, għax in tema ta' *law of evidence* il-ġurisprudenza tagħna ssegwi ħafna dik Ingliża. Din it-teorija ma hi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-buon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw pruvati, fis-sens li meta jiġu ppruvati certi fatti, dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġjonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq tal-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

**20.** F'dik is-sentenza din il-Qorti ċċitat mill-**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice** (1997, paras. 21-125, 21-126):-

> *"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from* ***<u>Cross on</u>***

> ***Evidence***, *5th ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): 'if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief* *<u>or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen</u>*....*The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*
>
> *"Every case depends on its own facts .... It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."* [6]

**21.** Fil-każ in eżami l-mobile phone in kwistjoni beda jintuża minn Tiziana Attard proprju l-għada li kien insteraq. Jiġifieri hija xtratu mingħand l-appellant dakinhar stess li nsteraq jew l-għada. Għalhekk l-appellant kien mistenni li jagħti *a credible explanation* kif kien ġie fil-pussess tiegħu. Iżda dan m'għamlux. Anzi ma joffri <u>l-ebda</u> spjegazzjoni. Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata, l-ewwel Qorti setgħet b'hekk legalment u raġjonevolment tikkonkludi li l-pussess mill-appellant ta' parti mir-refurtiva li ttieħdet mill-fond 108, Triq San Xmun, Fgura, u li huwa ddispona minnha fi żmien mhux aktar minn ġurnata jekk mhux ukoll siegħat wara li sar is-serq, kien prova elokwenti ta' l-involviment tiegħu fis-serq mill-imsemmi fond.

**22.** F'dawn iċ-ċirkostanzi l-appell ma jimmeritax akkoljiment. Inoltre, wara li din il-Qorti rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant li turi, almenu *prima facie*, li l-appellant ilu jingħata okkażjonijiet mill-Qrati tagħna biex jieqaf mit-triq tal-kriminalita` – b'erba' istanzi fejn ingħata *conditional discharge* u sitt istanzi fejn ingħata sentenza sospiż ta' priġunerija – ma tara l-ebda lok għal temperament fil-piena. Aktar u aktar meta jitqies li l-piena nflitta hi lejn il-minimu.

[6] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Richard Spiteri**, 31 ta' Awissu 2006 u **Il-Pulizija v. Antoine Cassar, 16 ta' Novembru 2006.**

**23.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.